**7 ta' Awissu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Louis Galea bħala Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess

*versus*

Segretarju tad-Djar

**Xhud – Impjegat – Gvern – Privileġġ – Konfidenzjalità – Rinunzja**

*Kawża dwar rekwiżizzjoni ta' 'club' ta' partit politiku.*

*Xhud quddiem il-Qorti rreklama l-privileġġ billi l-mistoqsija lilu magħmula kienet iġġiegħlu jisvela l-kontenut tal-'files' governattivi. Il-Qorti ordnat ix-xhud jirrispondi. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Xhud li mà tkunx invokat il-privileġġ ikkontemplat fl-art. 589 tal-Kap. 12 fil-mument opportun u li tkun wegħdet li tixhed wara li tikkonsulta l-file ma tistax wara tbiddel l-ideja u tqajjem il-kwistjoni tal-privileġġ.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fit-28 ta' Awissu, 1985 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-Avukat Louis Galea, fil-kwalità

tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta:

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' l-appell qiegħed jiġi sottomess bħala aggravju illi l-ewwel Qorti ċaħdet il-privileġġ favur il-Gvern ikkontemplat fl-artikolu 589(2) tal-Kap. 15 meta x-xhud id-Dottoressa Abigail Lofaro kellha d-dritt għall-istess privileġġ;

L-imsemmi artikolu 589 jiddisponi fis-subartikolu (1) illi hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċidi, f'kull każ partikolari, ..... meta xhud m'għandux ikun imġiegħel jikxef ħwejjeġ li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-servizz pubbliku u fis-subartikolu (2) illi ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel jikxef ħwejjeġ li jkun sar jaf minn rapporti, jew minn ittri, dispaċċi, jew karti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz pubbliku, sew ċivili, kemm militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru;

Jidher għalhekk li l-leġislatur qiegħed jagħmel distinzjoni bejn il-każ ta' kxif ta' ħwejjeġ li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-servizz pubbliku l-każ ta' kxif ta' ħwejjeġ li x-xhud ikun sar jaf bihom minn rapporti jew minn ittri, dispaċċi jew karti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz pubbliku. Fl-ewwel każ hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċidi jekk ix-xhud għandux jirrispondi jew le għad-domandi li jsirulu. Fit-tieni każ il-Qorti ma tistax iġġiegħel lix-xhud li jixhed, naturalment sakemm l-istess xhud ma jagħżilx li jixhed;

Fil-każ preżenti qed jiġi invokat fil-petizzjoni ta' l-appell l-applikazzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 589 u qed jiġi sottomess li l-Qorti ma tistax iġġiegħel lix-xhud (li allura meta xehdet kienet qiegħda tidher f'din il-kawża bħala Aġent Segretarju tad-Djar) li tixhed in virtù tas-sigriet *ratione officii* kkontemplat fl-imsemmi subartikolu (2);

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 1986 (fol. 91 u 92) kienet xehdet fuq domanda tar-rikorrent appellat l-imsemmija Dottoressa Abigail Lofaro u wara li tat xi dettalji fix-xiehda tagħha d-deposizzjoni tagħha ġiet sospiża sabiex, kif ingħad *in calce* ta' l-istess deposizzjoni "sandanittant ikollha l-opportunità tottjeni l-*file* uffiċjali sabiex b'hekk tkun tista' tikkonsulta ruħha miegħu ħalli tkompli tiddeponi" u, kif ingħad fil-verbal (fol. 91) ta' dik is-seduta, biex ix-xhud iġġib *file* mitlub mill-Qorti. Fil-fatt, in segwitu, ix-xhud kompliet tixhed u wara li rrispondiet id-domandi li sarulha anke b'riferenza għal dak li kien jirriżulta minn dokumenti u korrispondenza esebita fil-*file,* id-deposizzjoni tagħha reġgħet ġiet sospiża u l-kawża ġiet iddiferita għall-21 ta' Jannar, 1986 minħabba li d-difensur tagħha kien ġie msejjaħ b'urġenza fl-uffiċċju tiegħu;

Fil-21 ta' Jannar, 1986, il-kawża ġiet iddiferita għas-6 ta' Frar, 1986 fuq talba ta' l-intimat mhux opposta peress li Dr. Abigail Lofaro, Aġent Segretarju tad-Djar, kienet tinsab indisposta (fol. 100). Fis-6 ta' Frar, 1986, id-Dottoressa Lofaro bħala Aġent Segretarju tad-Djar kompliet tixhed. Jidher mill-verbal ta' l-imsemmija seduta tas-6 ta' Frar, 1986, illi fil-kors tad-deposizzjoni tagħha meta saritilha d-domanda mid-difensur

tar-rikorrent appellat: "X'inhija r-raġuni għaliex ir-*Requisition Order* damet ma tiġi esegwita minn Jannar, ta' l-1983 sa Awissu 1985?" intervjena d-difensur tagħha u oġġezzjona għad-domanda *stante li din tattakka d-diskrezzjoni amministrattiva* ta' l-intimat u għalhekk mhux ammissibbli, liema oġġezzjoni ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti b'digriet *seduta stante* (fol. 102) li minnu ma sarx appell. Fil-fatt meta in segwitu għall-imsemmi digriet fl-istess seduta reġgħet saritilha l-imsemmija mistoqsija, ix-xhud irrispondiet li informazzjoni simili *tista' ġġibha mill-file* Governattiv għaliex dak iż-żmien bejn l-1983 u l-1985 hija ma kinitx fid-Dipartiment tad-Djar. Fil-fatt ix-xhud kompliet tixhed li f'dak il-*file* hemm innotat illi fil-21 ta' Ġunju, 1985 il-post kien vojt u din kienet ir-risposta tagħha għad-domanda li saritilha;

Wara l-imsemmi inċident ix-xhud kompliet tixhed iżda kif jidher ukoll mill-atti tal-proċess kien hemm inċident ieħor. Meta d-difensur tar-rikorrent appellat saqsa lix-xhud Dottoressa Lofaro liema huma l-Każini tal-Partit Laburista li qegħdin f'idejn l-istess partit wara li ġew allokati lilhom wara l-ħruġ ta' *Requisition Order,* id-difensur ta' l-intimat iddikjara li oġġezzjona għall-istess domanda *stante* li hija rrilevanti iżda l-ewwel Qorti b'digriet ieħor *seduta stante* rrespinġiet ukoll din l-oġġezzjoni, minn liema digriet l-anqas ma sar appell. Meta in segwitu saritilha l-imsemmija domanda li kienet ġiet permessa mill-Qorti, ix-xhud irrispondiet *(ipsissimis verbis):* "Jiena ma naf b'ebda każ fejn kien hemm allokazzjoni mid-Dipartiment tal-*Housing* lill-Partit Laburista. Sabiex nirrispondi din id-domanda nkun irrid nagħmel iżjed riċerka u nipprometti li nagħti risposta fis-seduta li ġejja". Id-deposizzjoni tax-xhud għalhekk ġiet sospiża u l-kawża ġiet differita għat-18 ta' Frar, 1986 għall-kontinwazzjoni ta' l-eżami tax-xhud, Dottoressa Lofaro;

Fid-seduta tat-18 ta' Frar, 1986 inqrat lix-xhud id-deposizzjoni tagħha tas-6 ta' Frar, 1986 li hija kkonfermat u meta saritilha d-domanda fuq imsemmija li għaliha kienet ippromettiet li kellha tagħti risposta wara iżjed riċerka, ix-xhud Dottoress Lofaro rrispondiet billi talbet lill-Qorti teżentaha milli tirrispondi għad-domanda peress li toħroġ minn *files* privileġġjati tal-Gvern. Il-kawża għalhekk kienet tħalliet għad-deċiżjoni fuq dan il-punt għat-3 ta' Marzu, 1986 meta ngħatat id-deċiżjoni li issa qiegħda tiġi appellata;

Ikkunsidrat:

Minn dak li għadu kemm ingħad dwar ir-riżultanzi proċesswali jidher ċar li x-xhud Dottoressa Lofaro fl-okkażjonijiet li xehdet qabel is-seduta tat-18 ta' Frar, 1986, qatt ma invokat is-sigriet *ratione officii* kkontemplat fl-artikolu 589(2). Fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 1986 id-deposizzjoni ġiet sospiża sabiex ikollha l-opportunità tottjeni l-*file* uffiċjali ħalli tikkonsulta ruħha miegħu waqt li tixhed. Kieku x-xhud riedet tinvoka s-sigriet *ratione oficii*, wieħed kellu jistenna li dan tagħmlu, personalment jew permezz tad-difensur tagħha, f'dak l-istadju. Hekk ukoll fis-seduta tas-6 ta' Frar, 1986 meta kompliet tixhed, meta saritilha d-domanda għaliex ir-*Requisition Order* damet ma tiġi esegwita, l-oġġezzjoni li ġiet issollevata mid-difensur tagħha kienet li d-domanda ma kinitx ammissibbli għaliex tattakka d-diskrezzjoni amministrattiva tagħha u fil-fatt meta din l-oġġezzjoni ma ġietx milqugħa mill-ewwel Qorti, ix-xhud infurmat lill-Qorti b'dak li kien hemm innotat fil-*file* relattiv u ma invokatx l-imsemmi privileġġ;

Meta in segwitu ġiet magħmula l-mistoqsija liema Każini tal-Partit Laburista kienu ġew allokati lilhom wara l-ħruġ ta'

*Requisition Order*, l-unika oġġezzjoni li ġiet issollevata mid-difensur ta' l-intimat kienet li d-domanda kienet irrilevanti u anke f'dan l-istadju ma saret l-ebda sottomissjoni, la minnha personalment u l-anqas mid-difensur tagħha, li skond l-artikolu 589(2) ix-xhud ma setgħetx tiġi mġiegħla tirrispondi l-imsemmija domanda;

L-anqas wara l-imsemmi digriet dwar ir-rilevanza tad-domanda ma saret xi oġġezzjoni mix-xhud jew mid-difensur tagħha fis-sens ta' l-artikolu 589(2) u fil-fatt ix-xhud infurmat lill-Qorti li biex tirrispondi d-domanda kellha bżonn iżjed riċerka u ppromettiet li tagħti risposta fis-seduta li ġejja u fil-fatt il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Frar, 1986. Kien biss dik in-nhar li x-xhud Dottoressa Lofaro invokat il-privileġġ fuq imsemmi;

Mhux biss għalhekk l-atteġġjament ta' l-imsemmija xhud fil-kors tad-deposizzjoni tagħha kien dejjem li ma ssibx diffikultà biex tagħti l-informazzjonijiet mitluba billi tikkonsulta l-*file* uffiċjali relattiv iżda kienet espressament ipprometiet bil-ġurament tagħha fil-kors tax-xiehda tagħha li tagħti risposta wara li tagħmel iżjed riċerka;

F'dawn iċ-ċirkostanzi li ġew imsemmija hawn fuq b'mod l-aktar iddettaljat, il-Qorti ssibha diffiċli biex tifhem kif jista' jiġi invokat il-privileġġ ikkontemplat fl-artikolu 589(2) tal-Kap. 15. Ix-xhud, allura Aġent Segretarju tad-Djar, naqset, personalment jew permezz tad-difensur tagħha, li tinvoka l-imsemmi privileġġ fil-mument opportun. Mhux hekk biss imma hija esprressament irrinunzjat għalih meta saritilha d-domanda *de quo* meta ppromettiet li tagħti risposta wara iżjed riċerka;

Dika l-promessa magħmula bil-ġurament mix-xhud, li dik

il-ħabta kienet Aġent Segretarju tad-Djar, għandha titqies li ssir u li saret bis-serjetà għaliex altrimenti jingħata lok għall-protilazzjoni, u minn daqqiet vessatorja, tal-kawżi, *nonostante* l-isforzi tal-ġudikant li jikkonkludi sollecitament it-trattazzjoni. Dan mhux il-każ ta' dikjarazzjoni magħmula minn Avukat mingħajr l-inkarigu speċjali tal-parti (art. 695(1), Kap. 15) imma l-każ tal-parti stess li tixhed u tipprometti li tirrispondi domanda wara li tagħmel iżjed riċerka;

Mill-atti tal-proċess jirriżulta bl-aktar mod ampju li x-xhud kellha l-opportunità kollha li tinvoka l-privileġġ skond l-artikolu 589(2) jew inkella li titlob żmien biex tikkonsulta ruħha qabel ma tintrabat, kif intrabtet, li tirrispondi d-domanda wara li tagħmel ir-riċerki meħtieġa. L-unika oġġezzjoni li saret għad-domanda *de quo* kienet li l-istess domanda kienet irrilevanti u fuq din l-oġġezzjoni ngħata digriet li minnu kif ġà ngħad, ma sarx appell;

Jista' jiżdied li kif jidher mill-verbal ta' l-1 ta' Lulju, 1986 irreġistrat quddiem din il-Qorti mid-difensur ta' l-appellant fil-preżenza ta' l-imsemmija xhud Dottoressa Abigail Lofaro quddiem l-ewwel Qorti ma ġiet verbalizzata l-ebda opposizzjoni għall-ebda domanda li saret lix-xhud. Kull ma sar kien li d-difensur ta' l-intimat appellant ma' tul il-kors tax-xiehda ta' l-imsemmija xhud u ovvjament fil-preżenza tagħha rrileva lill-ewwel Qorti li għal xi domandi li kienu qed isirulha, ix-xhud setgħet kienet Kap ta' Dipartiment u taf x'għandha tagħmel; u allura huwa, ċjoè d-difensur, fehem li x-xelta kienet f'idejn ix-xhud. Kif diġà rrilevat però x-xhud ma invokat l-ebda privileġġ iżda ppromettiet li tirrispondi għad-domanda wara r-riċerka meħtieġa. Kien biss fis-seduta tat-18 ta' Frar, 1986, ċjoè wara

l-interval ta' tnax-il ġurnata, illi x-xhud, flok ma rrispondiet id-domanda kif kienet wegħdet, invokat il-privileġġ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-intimat appellant.